L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 8 ta' Ottubru 2004

# Nuqqasijiet madwarna

Donnhom li meta wiehed jitkellem dwar tubi, ertijiet, wires u gelatini wiehed mall-ewwel jahseb li qed nitkellem fuq xi attakk terroristiku li dan l-ahhar sirna familjari hafna dwarhom.

Izda, sfortunatament, fi zmien meta ghaddejjin mit-tielet gwerra dinjija bla ma nafu, il-mezzi tax-xandir u ta' l-internet qed jintuzaw minn min irid jurina li l-bniedem ghadu u jibqa' l-kaccatur kiefer li dejjem kien u l-uniku annimal li joqtol lill-istess generu tieghu kif ma jaghmel l-ebda annimal iehor.

Izda ghalija, tubi, ertijiet, wajers u gelatini ma jfakkrunix biss fic-Cecnja jew fl-Iraq. Ifakkruni wkoll fil-Gvern Malti u minn fejn qed jipprova jiffranka erba' soldi.

**Tubi**
Ragel dahhal lill-mara l-Isptar San Luqa ghal operazzjoni. Inqata' xi tubu tat-teatru ta' l-operazzjonijiet u l-mara ntbaghtet lura d-dar.

Stramba li ghal tubu ma kienx hemm iehor fl-istokk ta' l-isptar biex ix-xoghol jibqa' sejjer xorta.

Ghalinqas wiehed zejjed ghal li jista' jinqala'.

U jekk kien xi tubu specjalizzat, kif nassumi li kien, allura dan irid jigi ordnat minn barra. U biex jigi ordnat minn barra min jaf kemm il-operazzjoni giet proposta barra ta' din il-mara partikulari.

**Faxex u ngwanti**
L-istorja li qrabat tal-pazjenti ta' l-Isptar San Luqa qed ikollhom jixtru minn buthom il-faxex u l-ingwanti ghall-infermiera issa saret familjari. Pero' ta' min jerga' jsemmiha li ma jkunx hemm xi hadd li taqbizlu.

**Meters u wires**
Familia nharqilha l-meter tad-dawl. Ilha xahar u nofs bla meter ghax m'hemmx meters fl-istokk. Biex jinbidlu l-wires li nharqu mal-meter il-familja ntbaghtet tixtirhom!

**Earth**
Saret triq gdida. Haddiem forra li dan minnhom jekk tridx li jsirilha Herat gdid. Il-mara dahhlitu u installahulha. Wara ftit hin gie ghall-firma u ghall-flus. Il-pagament kien ta' Lm16 u l-mara kellha x-xorti li dak il-hin kellha Lm16 fuqha.

Meta staqsietu jekk setghtex ma taghmlux qalilha li l-Korporazzjoni kienet taqtghalha d-dawl kieku ma ghamlitx l-earth. Insomma, ma kienx hemm ghalfejn, ghalhekk, jistaqsiha jekk riditx taghmel l-ert fil-bidu. Seta' qalilha mall-ewwel : « Tini Lm16 ha nghmillek l-ert ghax inkella jinqataghlek id-dal ! », ghax fl-ahhar minn l-ahhar dak li ried ifisser !

**Gelatini**
M'ghadniex fiz-zminijiet u l-imghoddija fejn kienu jinstabu l-armi u l-bombi. Izda l-Kunsill Lokali ta' l-Imgarr m'ghandux fondi bizzejjed biex jistri latini ha jwaqqa' gebel imdendel b'riskju ghal hajjet kull min mar jghum il-bajja tal-Gnejna dan is-Sajf.

Kien proprju dan is-sajf li gara incident f'din il-bajja. Minhabab li l-Gnejna hija maghmula minn gholijiet tat-tafal, ceti partijiet biz-zmien u bhala parti minn process naturali, jaqghu. Dan is-sajf familja kienet qed tghum fuq il-blata maghrufa bhala « Ic-Cikkin » u jaraw niezla minn fuq il-gholja blata kbira daqs nofs karozza zghira b'velocita' enormi ghal fuqhom.

Wiehed mill-irgiel intlaqat minnha u ghamel ghadd ta' punti u nqalghatlu spallejh. Fi kliem iehor, ma kienx incident fatali bi zbrixx u ghamel xi tliet gighat rikoveat l-istpar.

Biex problema bhal din tissolva kull ma wiehed irid jaghmel huwa li jtajjar blat se jaqa' bil-gelatina minn zmien ghal zmien. Izda bil-fondi li ghandhom il-Kunsilli mid-dehra lanqas din ma fadlilhom flus biex jixtru.

**U dan kollu….**

Mhus hlief in-naqriet li qed jipprova jiffranka minn fuqhom il-gvern. U jikkuntrasta bil-kbir ma' xi paga ta' xi konsulent ta' xi Lm42 siegha. Kemm faxex, tubi, mijters, ertijiet u gelatini jinxtraw bil-paga ta' xahar tal-konsulent kieku !